MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Rikors Numru. 9/1998/1

Margaret Zammit armla minn John u wliedha Ivor u Kevin ahwa Zammit ghal kull interess li jista' jkollhom

Vs

Paul Falzon
Anthony Falzon
Vivienne Psaila u zewgha Joseph
Genoveffa Mallia
Emmanuel Falzon

Il- Bord,

Ra r- rikors ta' Margaret Zammit et fejn tesponi b' rispett:

Illi l- intimati jikru minn ghand ir- rikorrenti l- ghalqa li qeda fil- limiti tas- Siggiewi, kuntrada tal- Gholja jew tal- Gnien, maghrufa bhala ‘tal- Girgenti’ u anke bhala ‘tal- Fulia’, bi qbiela ta’ Lm 10 (ghaxar liri Maltin) fis- sena, dovuti fil- 15 ta’ Awissu ta’ kull sena.

Illi l- intimati ghall- aktar minn zewg skadenzi, naqsu milli jhallsu l- qbiela fil- perjodu ta’ hmistax il- gurnata minn meta gew interpellati bil- miktub biex ihallsu, a tenur **tal- artikolu numru 4 {**subartikolu (2) ta’ subinciz (e)**}, ta’ Kap. 199.**

Ghaldaqstant l- esponenti, bir- rispett kollu, jitolbu li dan il- Bord jawtorizza u jordna r- ripreza, da parti tar- rikorrenti, ta’ l- imsemmija ghalqa, u dana fiz- zmien qasir u perentorju li jigi lilhom iffissat.

Bl- ispejjez kontra l- intimati.

Ra r- risposta ta’ Paul Falzon et fejn jesponu b’ rispett:

1. Illi preliminarjament l- esponenti ghandhom jigu liberati mill- osservanza tal- gudizzju u ir- rikors ghandu jigi michud bl- ispejjez stante li r- rekwiziti tal- ligi ta’ morozita f’ zewg skadenzi ma tinkorrix perezz li l- esponenti halsu l- kera lis- sidien permezz ta’ diversi cedoli ta’ depozitu fil- Qorti (Dok A – E) u r- rikorrenti irrifjutaw li jizbankaw ghalkemm infurmati li jistghu jaghmlu dan bil- miktub (Dok F) u ghalhekk kien r- rikorrenti stess li ostakolaw u impedew lill- esponenti mill- adempiment tal- obbligazzjonijiet taghhom u huma ma jistghux issa javvantaggjaw ruhom bi htija jew ‘dolo’ taghhom infushom.

2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost u fil- mertu l- pretensjonijiet tar- rikorrenti huma infondati fil- fatt u fid- dritt u t- talba tal- attrici ghandha tigi respinta bl- ispejjez stante liu l- qbiela mitluba giet debitament imhallsa b’ diversi cedoli ta’ depozitu fil- Qorti (Dok A – E);

3. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, peress li r-rikorrenti ma riedux jizbankaw il- qbiela depozitata l- Qorti kif setghu jghamlu u kellhom dritt jghamlu, pero' huma xorta wahda interpellaw lill- esponenti ghal hlas tal- qbiela ghalkemm debitament imhallsa, l- esponenti ghal kull buon fini b' ittra ufficjali datata 30 ta' Marzu 1998 (Dok G u H) infurmaw lir- rikorrenti li ghal kull buon fini u effetti tal-ligi fl- 20 ta' Marzu 1998 iddepositaw is- somma ta' Lm 80 rapprezentanti l- qbiela mitluba mal- avukat sottoskritt u dan peress li saret tpacija skond il- ligi tal- qbiela mitluba ma somma akbar (Lm 146.04, 9) dovuta bhala spejjez u drittijiet skond it- taxxa (Dok I) fil- kawza fl- ismijiet John Zammit (vs) Salvatore Falzon deciza fl- Appell fil- 5 ta' Novembru 1996.

4. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost wara l-prezentata tal- kawza odjerna l- qbiela depositata mal-avukat sottoskritt qabel ma saret il- kawza giet depozitata l- Qorti ghal kull buon fini permezz ta' cedola ta' depozitu numru 903198 (Dok J u l- ewwel ircevuta f' Dok B) u ghalhekk japplika l- principju ta' "ius superveniens".

5. Illi l- esponenti jaghmlu refernza ghal- ligi vigenti u jitolbu lil dan l- Onorabbli Bord jikkonsidra li r- rikors odjern u huwa frivolu u vessatorju u jiehu l- provedimenti opportuni.

6. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema ix- xhieda bil- gurament.

Ra l- atti u d- dokumenti kollha.

Ra l- verbal tat- 23 ta' Mejju 2005.

Ra n- noti ta' osservazzjonijiet tal- partijiet.

Ikkonsidra,

1. B' rikors prezentata quddiem dan il- Bord (diversament presedut) fl- <u>20 ta' Gunju 1989</u> John Zammit (illum mejjet) zewg ir- rikorrenti Margaret Zammit kien

talab li jerga jiehu f' idejh il- qasam mertu tar- rikors ta' llum, minghand Salvatore Falzon (illum mejjet) missier l- intimati ghax kellu bzonnu. B' Sentenza tal- 5 ta' Dicembru 1994 il- Bord cahad it- talba bl- ispejjez. L- Onorabbli Qorti ta' l- Appell ikkonfermat is- sentenza fil- 5 ta' Novembru 1996 (fol 78 – 91). Ir- rikorrenti kellhom ihallsu Lm 146.049 spejjez tal- kawza lill- intimati (fol 14- 15). John Zammit miet fit- 2 ta' Awissu 1990.

2. B' ittra tas- 6 ta' Marzu 1998 ir- rikorrenti Zammit interpellat lil ahwa Falzon, intimati biex ihallsu Lm 80 qbiela ghaz- zmien 15 ta' Awissu 1990 – 15 ta' Awissu 1997 (fol 34) u (fol 52 – 59).

3. Ivan Zammit, wiehed mir- rikorrenti jghid li l- ahhar qbiela thallset fil- 15 ta' Awissu 1990 u

"Fl- 1 ta' Frar 1998, li kienet il- gurnata tal- Hadd, ircevejt telefonata minghand l- intimat Emmanuel Falzon. Dan staqsieni fuq it- telephone meta seta jigi jhallas il- qbiela ghas- sena kurrenti cioe' 1997, bhala skadenza. Jiena infurmajtu li l- qbiela ilha ma tithallas mill- 15 ta' Awissu 1990. Jiena spjegajtlu li l- qbiela kellha tithallas kollha u mhux ta' sena wahda biss."

4. Fit- 30 ta' Marzu 1998 l- intimati baghtu ittra ufficjali lir- rikorrenti fejn bi twegiba ghall- ittra taghha tas- 6 ta' Marzu 1998 iddepozitaw mal- avukat taghhom Lm 80 qbiela u interpellawha biex thallas l- ispejjez tal- kawza skond taxxa mahruga u ghamlu tpacija: Lm 182.482 – Lm 80 = Lm 102.482 dovuti lilhom minnha. Ara wkoll ittra tal- 10 ta' Marzu 1998 u dokumenti annessi. L- ispejjez ta' l- intimati kienu Lm 146.049 u ghalhekk l- intimati ghamlu korrezzjoni b' nota fl- atti ta' t- 30 ta' Marzu u talbu l- bilanc wara tpacija (Lm 146.049 – Lm 80= Lm 66.049) Din in- nota hi bid- data tat- 28 ta' Mejju 1998 wara l- prezentata u n- notifika tar- rikors.

5. B' ittra ta' l- 1 ta' April 1998 ir- rikorrenti gharrfet lill- avukat ta' l- intimati (Dr. Ivan Sammut) li ma taccettax ic- cedoli billi:

“gew depozitati l- Qorti…. f’ isem il- mejjet John Zammit, huwa hlas tal- kera (qbiela) tan- raba’ in kwistjoni, u wisq anqas ma naccetta li jigu liberament sbankati minni.”

B’ referenza ghall- interpellazzjoni ghal- hlas tas- somma ta’ Lm 182.482 rigward il- kawza ‘John Zammit vs Salvatore Falzon’ deciza fil- 5 ta’ Novembru 1996, din it- talba hija (a) kontestata fl- ammont u (b) ghanda tigi maghmula lill- eredi ta’ John Zammit – Ivor u Kevin ahwa Zammit…

6. Mid- dokumenti pprezentati mill- intimati saru depoziti ta’ kera taht l- Awtorita’ tal- Qorti

Fid- 19 ta’ Settembru 1989
(1) 31 ta’ Awissu 1990
(2) 14 ta’ Ottubru 1991
(3) 4 ta’ Ottubru 1993
(4) 14 ta’ Lulju 1994
(5) 17 ta’ Frar 1998 Lm28.83 (fol 6, kopja bicca f’ fol 7)
(6) 22 ta’ Mejju 1998 Lm68.93 (fol 7)

7. Fis- 27 ta’ Mejju 1998 l- intimati baghtu ittra lir- rikorrenti fejn gharfuha li

“Ghalkemm dawn ic- cedoli gew depozitati f’ isem John Zammit, dawn jistghu jigu liberament zbankati mill- eredi ta’ John Zammit bhala successuri fit- titolu tieghu. Rega ntalab l- ammont zbaljat ta’ Lm182.48c2 bhala spejjez tal- kawza.”

Ir- rikors gie pprezentat fl- 4 ta’ Mejju 1998 u notifikat lill- intimati fit- 13 ta’ Mejju 1998.

8. B’ cedola numru 903/98 bid- data tat- 22 ta’ Mejju 1998 (ara para 6(6) ta’ din is- sentenza giet depozitata l- qbiela ta’ Lm80 ghall- perjodu 15 ta’ Awissu 1990 – 15 ta’ Awissu 1997. Il- Kwistjoni ta’ tpacija ma qed tissemma xejn. Din ic- cedola hi ukoll fuq John Zammit li kien mejjet u fuq l- indirizz tieghu (+ fol 33 – unclaimed).

9. Il- Bord jidhirlu li bejn il- partijiet nibtet pika kbira. Bizzejjed in- noti ta' sottomissjonijiet mimlijin akkuzi ta' 'dolo', haga li l- Bord jiddeplora.

10. Skond l- artikolu 4(2)(e) sid jista' jiehu r- raba f' idejh jekk jipprova ghas- sodisfazzjon tal- Bord li

"matul is- sentejn minnufih qabel id- data tat- terminazzjoni il- kerrej ikun naqas, relattivament ghal zewg perjodi jew izjed, li jhallas il- kera, f' kull okkazzjoni, fi zmien hmistax il- gurnata mill- gurnata li fiha sid il- kera jkun talbu bil- miktub biex ihallas."

Din il- ligi trid li l- iskadenzi jkunu ta' sentejn wara xulxin u kull darba l- kerrej ikun gie interpellat. 'kull skadenza irid ikollha interpellazzjoni ghalkemm jekk tkun saret ghal wahda, u ma tithallasx il- qbiela darb' ohra l- interpellazzjoni, it- tieni, tista tghaqqadhom f' daqqa. L- ghan tal- ligi hu car: il- kerrej mhux biss ma jkunx hallas, imma jrid ukoll jigi interpellat <u>kull darba</u> u moghti hmistax il- jum zmien biex isewwi n- nuqqas tieghu. Interpellazzjonijiet ghall- istess perjodu / perijodi dejjem jghoddu bhala interpellazzjoni wahda. L- ewwel haga li jrid jara l- Bord huwa li saret l- interpellazzjoni, li jistghu isiru bi kwalunkwe mod.

11. Fir- rikors jinghad "meta gew interpellati bil- miktub biex ihallsu" L- intimati gew interpellati bil- miktub fis- 6 ta' Marzu 1998 ghaz- zmien 15 ta' Awissu 1990 – 15 ta' Awissu 1997. Fil- konverzazjoni li saret fuq it- telephone bejn Ivor Zammit u l- intimat Emmanuel Mifsud li tista' tghodd bhala interpellanza intalbet il- kera ghall- istess zmien.

"Illi biex l- inkwilin jigi kunsidrat moruz jehtieg li huwa jkun baqa 'moruz' fil- hlas ta' zewg rati ta' kera, u illi ghal kull rata li huwa jkun gie interpellat ghall- hlas u halla jghaddu 15 il- gurnata mill- interpellazzjoni minghajr ma hallas u mhux bizzejjed li ssir interpellazzjoni wahda ghaz- zewg rati, jew anki aktar" (Farrugia pro et noe vs Bonnici et, App. Civ. 10 ta' Novembru 1941 (VolXXXIA – 1 – 106)

Saret ittra ohra fis- 7 ta’ April 1998 li tirreferi ghall- istess zmien. Mill- proceduri fl- isfond tal- gurisprudenza saret ‘interpellazzjoni wahda’.

12. John Zammit miet fit- 2 ta’ Awissu 1990. Fit- 30 ta’ Novembru 1990 (fol 23-24) saret it- trasfuzjoni tal- gudizzju u c- cedoli bdew isiru fuq persuna mejta. Waqt il- kawza l- intimati setghu fehmu li l- kera mhux ser jigi accettat. (ara ‘Attard vs Borg et’ u ‘Mallia vs Briffa’, App. Mill- bord, 28/6/01 u 22/11/02). L- intimati riedu jhallsu l- qbiela ta’ l- 1997 imma qamu l- irwiefen kollha, fosthom il- kwistjoni tat- tpacija fejn l- intimati bdew isemmu l- ammont dovut lilhom hazin: jinqalbu l- ispejjez tar- rikorrenti u ta’ l- intimati. Wara li gie prezentat ir- rikors u notifikat l- intimati baghtu ‘ittra ufficjali korrettiva’. Il- qaghda setghet tigi msewwija. L- avukati setghu ghamlu d- dmir li jmewwtu piki bla htiega.

13. <u>F’ dan il- kaz il- vot tal- ligi ma giex sodisfatt ghax kemm interpellazzjoni wahda.</u> Hemm zbalji miz- zewg nahat. Il- Bord jidhirlu li ghandu jaghmel referenza ghall- gurisprudenza dwar l- ghan tal- ligi:

“Il- ligi mhiex intiza biex taghti pretest lill- lokatur biex jirrexindi l- kuntratt tal- kera imma biss jissalvagwardjah fil- hlas…” (‘Vella vs Galea noe’ App. 24/1/1997)

u ukoll dwar offerta “Dan ghaliex ai termini tal- artikolu 1174 (1) tal- Kodici Civili, id- depozitu ma ghandux l- effett li ‘jiswa daqs il- hlas’ (art 1173 (2) tal- Kap 16) jekk il kreditur (intiz f’ sens lat) ‘ ma jkunx qabel irrifjuta offerta valida. Fost il- kondizzjonijiet ghall- validita’ ta’ din l- offerta hemm dik li din ‘tkun saret skond il- ftehim, jew, jekk ma jkunx hemm ftehim, skond il- ligi, il- hlas ghandu jsir” (art 11754 (f) tal- Kodici Civili). Huwa sintomatiku minn dawn id- dispozizzjonijiet illi jekk ma tkun saret offerta, u din trid tkun wahda
valid, ghal kull wahda mill- iskadenzi tal- kera skadiet, id- depozita ta’ l- ammont mhux maghmul validament.” (“Malli vs Briffa”, 22/11/2002).

Billi l- intimati ma kienux moruzi fil- hlas tal- qbiela skond il- ligi l- Bord jichad it- talba tar- rikorrenti, biex il- partijiet ‘in extremis’ jaslu fi ftehim u jaghmlu l- konteggi u ma jibqghux jehlu flus, l- ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------